MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 32/2004

**A B**
**vs**
**C maghruf ukoll bhala D B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-kontendenti izzewgu f' Malta fis-27 ta' April, 1980 (ara Dok. A);

U peress illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq il-jeddijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg;

U peress illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat ukoll b' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghalih li jaqdi d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg;

U peress illi l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Jghid ghaliex din il-Qorti m' ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

Tannulla z-zwieg bejn il-kontendenti billi tiddikjarah bhala null u bla effett.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa:

1. Preliminarjament, huwa nkoncepibbli li wara erbgha u ghoxrin (24) sena zwieg li gie konsumat u wara l-koncepiment u twelid ta' tifel li llum ghandu wiehed u ghoxrin (21) sena, l-attrici tinduna u titlob l-annullament taz-zwieg u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi ddikjarata preskritta.

2. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju, li ma tezisti ebda raguni valida skond il-Ligi sabiex dan iz-zwieg jigi dikjarat null u bla effett.

3. Fil-meritu, inoltre l-premessi u t-talba attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, kif sejjer jirrizulta mill-provi u mit-trattazzjoni u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati;

Rat ir-relazzjoni debitament mahlufa tal-perit gudizzjarju l-Psikjatra Dottor Joseph Cassar[1];

Rat li l-kawza kienet giet differita sine die; izda sussegwentement giet rijappuntata;

---

[1] Fol.217 *et seq.*

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fis-27 ta' April 1980 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-konvenut kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn naha tieghu l-konvenut qed jopponu l-azzjoni attrici billi jsostni li ma tezisti l-edba raguni valida fil-ligi sabiex iz-zwieg jigi dikjarat null, u li t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

**Kwadru tal-fatti**

Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li l-partijiet izzewwgu fis-27 ta' April 1980 meta allura l-attrici kellha 25 sena u l-konvenut kellu 27 u wara li l-kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin circa erba' snin. Minn dan iz-zwieg twieled tifel fis-6 ta' Awissu 1983. Wara konvivenza matrimonjali ta' sittax [16]-il sena[2], il-partijiet isseparaw de facto.

*Verzjoni attrici*

Illi l-attrici tilmenta mill-fatt li l-konvenut, kemm qabel iz-zwieg kif ukoll wara, kien mohhu fix-xalar, fil-pjacir u fl-isports u kellu mohh ta' tifel zghir[3], u kien ukoll jifflirtja mas-salesgirls fil-hanut fejn kien jahdem. Dan il-karattru tal-konvenut kien manifest anke qabel iz-zwieg. Hija tghid li anke fiz-zwieg, u mill-bidu tal-hajja konjugali, huwa kien jaghti mportanza zejda lill-isports li kienu jzommuh 'il boghod mill-familja tieghu u mid-doveri tieghu kemm ta'

[2] Fol.237
[3] Fol.27

ragel mizzewweg kif ukoll ta' missier; tant li wara x-xoghol ta' spiss kien imur jilaghab il-bowling, u wara, kien jibqa' barra jixrob bir-rizultat li kien jidhol id-dar ghal habta ta' nofs-il lejl. F' din is-sitwazzjoni l-attrici kienet tkun riluttanti li taghmel l-att konjugali mieghu, kemm minhabba li kienet tkun ghajjiena, kif ukoll minhabba r-riha ta' xorb li kien jigi biha.

L-attrici tghid li l-konvenut kien mohhu fl-attivitajiet socjali, li kienu spissi u kienu jdumu ta' tard bil-lejl. Hija tilmenta mill-fatt li bejn ix-xoghol tieghu, il-hin ghall-isports u l-hrug tieghu, il-konvenut ftit li xejn kien ikun id-dar u ma kienx hemm quality time bejniethom. Kien jirrifjuta li joqghod id-dar anke meta l-attrici kienet indisposta minhabba t-tqala' taghha, u f' dawn ic-cirkustanzi kien jibghatha ghand ommha. Ma kienx kapaci jassumi ebda responsabbilita' fl-affarijiet serji.

Tghid ukoll li kien jigdeb u jonfoq il-flus fil-loghob, tant li kien spicca b' hafna dejn bil-kedituri jmorru jhabbtu wara l-bieb tar-residenza taghhom u jsibu lill-attrici li minhabba f' hekk eventwalment kienet marret toqghod ghand ommha.

*Verzjoni tal-konvenut*

Illi minn naha tieghu l-konvenut jghid li l-hobby tieghu kienu l-isports u l-athletics, ma kienx ipejjep, u kien jixrob biss fil-kumpanija. Huwa kien jahdem sighat twal fil-hanut, izda, apparti mix-xoghol huwa kien jghix il-hajja sportiva.

Jghid li hu u martu ghandhom karattru differenti, ghax filwaqt li hu persuna outgoing u jhobb jissocjalizza, martu kienet persuna rizervata, u ghalhekk kienet tirrifjuta tmur mieghu ghall-attivitajiet socjali, specjalment wara t-twelid tat-tarbija, tant li kien iqis lilu nnifsu bhala armel ghax kien imur wahdu.

Il-konvenut jghid li huwa kien jippartecipa fil-hajja konjugali u kien jaghti l-kontribut tieghu fit-tisjir u l-ghajnuna fid-dar, anke fejn jidhol it-tifel tieghu. Kien hu li kien insista li, nonostante l-pozizzjoni finanzjarja prekarja

taghhom, jibqa' jibghat lit-tifel fi skola privata, u dan kien jaghmlu bl-ghajnuna tal-familjari tieghu.

Huwa jghid li kemm qabel, kif ukoll waqt iz-zwieg huma kienu ppjanaw li jkollhom it-tfal, tant li wara tlett snin kien twieled twin, u l-attrici kellha korriment iehor sussegwenti. Huwa jhobb it-tfal, u lit-tifel tieghu kien jghinu hafna fl-isports. Jghid li, wara t-twelid tat-tifel fis-sena 1983, l-attrici kienet warrbet lill-konvenut u kienet iffokat l-attenzjoni taghha fuq it-tifel; kienet tkun riluttanti ghall-attivita' sesswali tant li ghal numru ta' snin shah kienet traqqad it-tifel fis-sodda matrimonjali biex tevita li l-konvenut ikollu x' jaqsam magha. Minn naha tieghu, il-konvenut kien beda jzid l-attivitajiet sportivi tieghu biex fi kliemu "I used to take sports as a relief from problems I had."[4]

Huwa cahad li kien jigdeb lil martu, jew li kien infidil lejha. Huwa jghid li kien jaf x' inhuma r-responsabblitajiet tieghu fiz-zwieg. Fi kliemu: "I knew what I was going in for when I got married, and if I did not have the intention to get married I would have stayed single, but I wanted to get married and have a family."[5]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-Qorti hija propensa li taghti affidament lill-verzjoni ta' l-attrici, li hi sostanzjalment korroborata u sostnuta f' diversi aspetti determinanti taghha, minn xhieda membri tal-familja taghha, kif ukoll hbieb taz-zewg partijiet. Apparti minnhekk, din il-verzjoni, kunsidrata fl-isfond ta' fatti sodisfacentement provati hija aktar verosimili u aktar kredibbli minn dik moghtija mill-konvenut, senjatament fejn dan jsostni li hu kien jghin lil martu bil-bzonnijiet u l-oneri tal-hajja matrimonjali.

Il-Qorti tosserva li jirrizulta sodisfacentement provat li l-konvenut, li huwa bniedem sportiv hafna, tant li ppartecipa anke f' kampjonati nazzjonali, kien jittraskura lil martu u jhalliha tfendi ghar-rasha bit-tifel, filwaqt li hu kien

[4] Fol.172
[5] Fol.137

jippartecipa bil-kbir fl-isporta, fl-attivitajiet socjali u jissocjalizza sa tard bil-lejl; bir-rizutlat li l-attrici kienet issib ruhha tfendi waheda ghall-hinijiet twal. Jidher car li l-konvenut kien, bhala priorita', ipoggi l-isports u dak li jhobb jaghmel hu, qabel id-doveri tieghu fil-familja. Dan l-egoizmu qawwi da parti tieghu, irrizulta li kien ta' pregudizzju serju ghar-relazzjoni matrimonjali bejniethom, peress li kien ta' ostakolu serju ghall-konvivenza pacifika matrimojali diretta lejn il-benessere reciproku.

Il-Qorti temmen li l-konvenut ried li jkollu familja, u li ried ukoll ikollu t-tfal, izda mill-banda l-ohra l-egoizmu tieghu u l-ossessjoni tieghu li jissocjalizza, kien impedih milli jissodisfa l-oneri matrimonjali tieghu, kif ukoll milli jirrelata b' mod sodisfacenti ma' martu. Dan huwa evidenzjat mill-fatt li, nonostante li hu kien jaf li martu kienet qed tiddejjaq b' dik it-tip ta' hajja, li del resto kien jghix anke qabel iz-zwieg, huwa xorta wahda njora s-sentimenti taghha u kompla jghamel dak li kien jaghti pjacir lilu.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Illi bil-komportament tieghu, mill-bidunett taz-zwieg, il-konvenut wera li hu ma kienx kapaci li jassumi l-pizijiet u l-obbligi tal-hajja matrimonjali, li fil-gurisprudenza jinsabu defeniti bhala "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of conjugal community. It is important to remember that these obligations must be mutual, permanent, continuous exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to psycholoigical cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics [*Viladrich – citat fis-sentenza PA[VGD] Anna Galea vs John Walsh deciza 20 ta' Marzu 2000*]. Inerenti f' dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-kontraenti li jaghtu lilhom infushom lill xulxin fit-totalita'

taghhom sabiex tigi stabbilita' bejniethom "the community of life and love."

Jigi osservat ukoll li "per dare un valido consens, non e' sufficiente u grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e' il matrimonio [ma] e' necessaria la maturita' di gudizio capace di pondere in concreto i doveri ed i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini e' necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro." [*Bersini*]

Illli fil-meritu l-Qorti tosserva li l-provi juru li l-konvenut fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali ma kinex kapaci, japprezza "in concreto" u jassumi adegwatament l-obbligu tieghu li fiz-zwieg jirrelata u jikkonvivi ma' martu bil-ghan li tigi stabbilita "the community of love and life.", konvivenza diretta lejn il-benessere, mhux tieghu biss, izda anke ta' martu. L-egoizmu tieghu kien ta' ostakolu serju ghal dan. Fir-rapport tieghu l-Psikjatra Dottor Joseph Cassar jghid li l-konvenut "ghalkemm ma ghandux dizordni fil-personalita' dan ghandu karatteristici narcizisti fil-karattru tieghu, u dawn jistghu jikkawzaw certi problemi nterpersonali."[6]

Ghaldaqstant il-Qorti hi tal-fehema li f' dan il-kaz jezizti fil-konfront tal-konvenut l-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255, u ghalhekk t-talba attrici hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha; izda in kwantu ghal kap ta' l-ispejjez, il-Qorti thoss li l-attrici ghandha parti mir-responsabbilita' tenut kont tal-fatt li qabel iz-zwieg hija kienet gja taf bill-karattru u l-inklinazzjonijiet ta' zewgha li kienu manifesti anke f' dak iz-zmien; izda hija xorta wahda ghaddset rasha u zzewwgitu.

**Decide**

[6] Fol.226

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-27 ta’ April 1980.

L-ispejjez tar-registru ghandhom jigu sopportati mill-partijiet konguntivament in kwantu ghal zewg terzi [2/3] mill-konvenut, filwaqt li r-rimanenti terz [1/3] jibqa’ a kariku ta’ l-attrici; u l-kumplament ta’ l-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------